ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 187

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

29 ta' Ġunju 2013

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2013/C 187/01 Ftehim tal-21 ta' Ġunju 2013 bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jemenda l-Ftehim tas-16 ta' Marzu 2006, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu ta' rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja .................. 1

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 187/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6942 – PAI Partners/R&R) (1) ..... 5

2013/C 187/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6862 – Vinci/Aeroportos de Portugal) (1) ..... 5

2013/C 187/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6848 – Aegon/Santander/Santander Vida/Santander Generales) (1) ..... 6

2013/C 187/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6789 – Bertelsmann/Pearson/Penguin Random House) (1) ..... 6

MT

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2013/C 187/06 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2013 li taħtar membru tal-Bord ta’ Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ........ 7

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 187/07 Rata tal-kambju tal-euro ........ 8

2013/C 187/08 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Ġunju 2013 li taħtar il-membri u s-sostituti tal-Kumitat għal Terapiji Avvanzati biex jirrappreżentaw lill-kliniċisti u lill-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti ([1]) ........ 9

2013/C 187/09 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli *(Pubblikazzjoni ta’ titli u referenzi ta’ standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)* ([1]) ........ 10

2013/C 187/10 Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta’ interessi ta’ rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta’ referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta’ Lulju 2013 *(Ippubblikat skond l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta’ April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))* 12

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 187/11 Sejħa għal proposti skont il-Programmi ta’ Ħidma tal-2013 tas-Seba’ Programm Kwadru għall-Attivitajiet ta’ Riċerka, ta’ Żvilupp Teknoloġiku u ta’ Dimostrazzjoni ........ 13

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta’ wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## FTEHIM

**tal-21 ta' Ġunju 2013**

**bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jemenda l-Ftehim tas-16 ta' Marzu 2006, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu ta' rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja**

(2013/C 187/01)

1. **Българска народна банка (Bulgarian National Bank)**
Knyaz Alexander I Sq. 1
1000 София/Sofia
БЪЛГАРИЯ/BULGARIA

**Hrvatska narodna banka**
Trg hrvatskih velikana 3
10002 Zagreb
HRVATSKA

**Česká národní banka**
Na Příkopě 28
115 03 Praha 1
ČESKÁ REPUBLIKA

**Danmarks Nationalbank**
Havnegade 5
1093 København K
DANMARK

**Latvijas Banka**
K. Valdemara iela 2a
Rīga, LV-1050
LATVIJA

**Lietuvos bankas**
Totorių g. 4
LT-01121 Vilnius
LIETUVA/LITHUANIA

**Magyar Nemzeti Bank**
Budapest
Szabadság tér 8–9.
1054
MAGYARORSZÁG/HUNGARY

**Narodowy Bank Polski**
ul. Świętokrzyska 11/21
00-919 Warszawa
POLSKA/POLAND

**Banca Națională a României**
Str. Lipscani nr. 25, sector 3
030031 București
ROMÂNIA

**Sveriges Riksbank**
Brunkebergstorg 11
SE-103 37 Stockholm
SVERIGE

**Bank of England**
Threadneedle Street
London
EC2R 8AH
UNITED KINGDOM

u

2. **il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**

(minn hawn il quddiem 'il-"Partijiet")

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 1997 (minn hawn 'il quddiem "ir-Riżoluzzjoni") qabel li jistabbilixxi mekkaniżmu għal rata tal-kambju (minn hawn 'il quddiem "l-ERM II") meta t-tielet stadju ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja beda fl-1 ta' Jannar 1999.

(2) Taħt il-patti tar-Riżoluzzjoni, l-ERMII hija mfassla sabiex tgħin biex jiġi assigurat illi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li qed jipparteċipaw fl-ERM II jorjentaw il-politiki tagħhom lejn l-istabbiltà, ikattru l-istabbiltà u b'hekk jgħinu lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro fl-isforzi tagħhom biex jadottaw l-euro.

(3) Bid-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea, il-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) tagħha, Hrvatska narodna banka, isir parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-1 ta' Lulju 2013. Il-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

QABLU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Emenda tal-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II minħabba d-dħul tal-Kroazja**

Hrvatska narodna banka ser issir parti għall-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

*Artikolu 2*

**Sostituzzjoni ta' Anness II tal-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II**

L-Anness II tal-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

3.1. Dan il-Ftehim jemenda l-Ftehim tal-Banek Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3.2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja bl-Ingliż u jkun debitament iffirmat mir-rappreżentanti awtorizzati tal-Partijiet. Il-BĊE, li jżomm il-Ftehim oriġinali, għandu jibgħat kopja ċċertifikata tal-Ftehim oriġinali lil kull BĊN tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u lil kull BĊN tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Dan il-Ftehim għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

Għal
**Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)**

..........

Għal
**Magyar Nemzeti Bank**

..........

Għal
**Hrvatska narodna banka**

..........

Għal
**Narodowy Bank Polski**

..........

Għal
**Česká národní banka**

..........

Għal
**Banca Națională a României**

..........

Għal
**Danmarks Nationalbank**

..........

Għal
**Sveriges Riksbank**

..........

Għal
**Latvijas Banka**

..........

Għall-
**Bank of England**

..........

Għal
**Lietuvos bankas**

..........

Għall-
**Bank Ċentrali Ewropew**

..........

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**LIMITI MASSIMI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-FAĊILITÀ TA' FINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR ĦAFNA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 8, 10 U 11 TAL-FTEHIM TAL-BANEK ĊENTRALI DWAR L-ERMII**

**b'effett mill-1 ta' Lulju 2013**

*(miljuni f'EUR)*

| Banek ċentrali partijiet għal dan il-Ftehim | Limiti massimi ([1]) |
|---|---|
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 510 |
| Hrvatska narodna banka | 430 |
| Česká národní banka | 690 |
| Danmarks Nationalbank | 700 |
| Latvijas Banka | 330 |
| Lietuvos bankas | 370 |
| Magyar Nemzeti Bank | 670 |
| Narodowy Bank Polski | 1 730 |
| Banca Națională a României | 990 |
| Sveriges Riksbank | 940 |
| Bank of England | 4 640 |
| Bank Ċentrali Ewropew | xejn |

([1]) L-ammonti indikati huma biss indikattivi għall-banek ċentrali li ma jipparteċipawx fl-ERM II.

| Banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro | Limiti massimi |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | xejn |
| Deutsche Bundesbank | xejn |
| Central Bank of Ireland | xejn |
| Bank of Greece | xejn |
| Banco de España | xejn |
| Banque de France | xejn |
| Banca d'Italia | xejn |
| Central Bank of Cyprus | xejn |
| Eesti Pank | xejn |
| Banque centrale du Luxembourg | xejn |
| Bank Ċentrali ta' Malta | xejn |
| De Nederlandsche Bank | xejn |
| Oesterreichische Nationalbank | xejn |
| Banco de Portugal | xejn |
| Banka Slovenije | xejn |
| Národná banka Slovenska | xejn |
| Suomen Pankki | xejn" |

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6942 – PAI Partners/R&R)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/02)

Fl-24 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6942. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6862 – Vinci/Aeroportos de Portugal)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/03)

Fl-10 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6862. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6848 – Aegon/Santander/Santander Vida/Santander Generales)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/04)

Fid-29 ta' April 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6848. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6789 – Bertelsmann/Pearson/Penguin Random House)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/05)

Fil-5 ta' April 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6789. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Ġunju 2013**

**li taħtar membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

(2013/C 187/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri hija wkoll indispensabbli.

(2) Is-Sinjura Diána BÁNÁTI irriżenjat u għandha tiġi sostitwita sa tmiem il-mandat tagħha.

(3) Il-lista ppreżentata mill-Kummissjoni ġiet eżaminata bil-ħsieb li jinħatar membru wieħed ġdid tal-Bord ta' Ġestjoni abbażi tad-dokumentazzjoni provduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew. L-għan huwa li jiġu żgurati l-ogħla standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti, pereżempju fil-ġestjoni u fl-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni.

(4) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, erba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni għandu jkollhom esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi u interessi oħra fil-katina alimentari. Fil-preżent, tliet membri tal-Bord ta' Ġestjoni għandhom tali esperjenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja għandha tinħatar bħala membru ġdid tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014:

Is-Sur Raymond O'ROURKE (*).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. COVENEY

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

(*) Għandu esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-28 ta' Ġunju 2013**

(2013/C 187/07)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3080 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4171 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 129,39 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3714 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4588 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1477 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85720 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6792 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,7773 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6545 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2338 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 494,24 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,0704 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8845 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,0280 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4495 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,949 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 980,41 |
| HUF | Forint Ungeriż | 294,85 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1340 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 56,445 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7024 | RUB | Rouble Russu | 42,8450 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3376 | THB | Baht Tajlandiż | 40,613 |
| RON | Leu Rumen | 4,4603 | BRL | Real Brażiljan | 2,8899 |
| TRY | Lira Turka | 2,5210 | MXN | Peso Messikan | 17,0413 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,7210 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta’ Ġunju 2013

## li taħtar il-membri u s-sostituti tal-Kumitat għal Terapiji Avvanzati biex jirrappreżentaw lill-kliniċisti u lill-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/08)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 21(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 jistabbilixxi regoli speċifiċi li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni, is-sorveljanza u l-farmakoviġilanza ta’ prodotti mediċinali ta’ terapija avvanzata. L-Artikolu 20 ta’ dan ir-Regolament jistabbilixxi li għandu jitwaqqaf Kumitat għal Terapiji Avvanzati fi ħdan l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini.

(2) Is-subparagrafu (c) tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 jistabbilixxi li l-Kumitat għal Terapiji Avvanzati għandu jinkludi żewġ membri u żewġ sostituti maħtura mill-Kummissjoni, fuq bażi ta’ sejħa pubblika għal espressjonijiet ta’ interess u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, u dan sabiex jirrappreżentaw lill-kliniċisti.

(3) Is-subparagrafu (d) tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 jistabbilixxi li l-Kumitat għal Terapiji Avvanzati għandu jinkludi żewġ membri u żewġ sostituti maħtura mill-Kummissjoni, fuq bażi ta’ sejħa pubblika għal espressjonijiet ta’ interess u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, u dan sabiex jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti.

(4) Skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007, il-membri u s-sostituti tal-Kumitat għal Terapiji Avvanzati għandhom jinħatru għal perjodu ta’ tliet snin. Il-mandat tal-membri u s-sostituti maħtura fl-2009 skada u għalhekk saret sejħa ġdida fl-2012.

(5) Skond l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007, saret sejħa pubblika għal espressjonijiet ta’ interess mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat ukoll dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet li waslu.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b’hekk maħtura membri u sostituti tal-Kumitat għal Terapiji Avvanzati biex jirrappreżentaw lill-kliniċisti għal terminu ta’ tliet snin, mill-1 ta’ Lulju 2013:

— Pieter DOEVENDANS (Membru) u Esteve TRIAS (Sostitut);

— Bernd GÄNSBACHER (Membru) u Ramadan JASHARI (Sostitut).

*Artikolu 2*

Dawn li ġejjin huma b’hekk maħtura membri u sostituti tal-Kumitat għal Terapiji Avvanzati biex jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti għal terminu ta’ tliet snin, mit-1 ta’ Lulju 2013:

— Michele LIPUCCI DI PAOLA (Membru) u Monica ENSINI (Sostitut);

— Kieran BREEN (Membru) u Mariette DRIESSENS (Sostitut).

Magħmul fi Brussell, it-28 ta’ Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli**

*(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 187/09)

| ESO (1) | Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza) | L-ewwel pubblikazzjoni fil-ĠU | Referenza tal-istandard li ġie sostitwit | Data tal-waqfa tal-presunzjoni tal-konformità tal-istandard li ġie sostitwit Nota 1 |
|---|---|---|---|---|
| CEN | EN 71-1:2011<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 1: Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi | 18.6.2011 | | |
| CEN | EN 71-2:2011<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 2: Kapaċità li jieħdu n-nar malajr | 21.7.2011 | | |
| CEN | EN 71-3:2013<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 3: Migrazzjoni ta' ċerti elementi | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | | |
| CEN | EN 71-4:2013<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati | 28.5.2013 | | |
| CEN | EN 71-5:2013<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 5: Ġugarelli ta' natura kimika (settijiet) minbarra settijiet għal esperimenti | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | | |
| CEN | EN 71-8:2011<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 8: Ġugarelli għal attivitajiet fid-dar | 19.10.2011 | | |
| CEN | EN 71-12:2013<br>Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 12: Sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosazjabbli | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | | |
| Cenelec | EN 62115:2005<br>Ġugarelli elettriċi – Sigurtà<br>IEC 62115:2003 (Modifikat) + A1:2004 | 11.8.2011 | | |
| | EN 62115:2005/A2:2011<br>IEC 62115:2003/A2:2010 (Modifikat) | 11.8.2011 | Nota 3 | Data skaduta (11.8.2011) |
| | EN 62115:2005/A11:2012 | 15.11.2012 | Nota 3 | Data skaduta (15.11.2012) |
| | EN 62115:2005/A11:2012/AC:2013 | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | | |
| | EN 62115:2005/A2:2011/AC:2011 | 19.10.2011 | | |

(1) ESO: Organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni:
— CEN: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25500811; Fax +32 25500819 (http://www.cen.eu)
— Cenelec: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25196871; Fax +32 25196919 (http://www.cenelec.eu)
— ETSI: 650 route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis, FRANCE, Tel. +33 492944200; Fax +33 493654716 (http://www.etsi.eu)

Nota 1 Ġeneralment id-data li fiha tintemm il-preżunzjoni ta' konformità tkun id-data tar-revoka ("dow"), stabbilita mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f'ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.

Nota 2.1 L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess għan bħall-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Nota 2.2 L-istandard il-ġdid għandu għan usa' mill-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Nota 2.3 L-istandard il-ġdid għandu għan aktar speċifiku mill-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit (parzjalment) jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal dawk il-prodotti jew dawk is-servizzi li jaqgħu fl-ambitu tal-istandard ġdid. Ma tiġix effettwata preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għall-prodotti jew is-servizzi li xorta jaqgħu fil-ambitu tal-istandard li ġie sostitwit (parzjalment), iżda li ma jaqgħux fl-ambitu tal-istandard il-ġdid.

Nota 3 F'każ ta' emendi, l-istandard ta' referenza huwa EN CCCCC:YYYY, l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, u l-emenda l-ġdida kkwotata. Għalhekk l-istandard li ġie sostitwit jikkonsisti f'EN CCCCC:YYYY u l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, iżda mingħajr l-emenda l-ġdida kkwotata. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit jieqaf milli jagħti l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

NOTA:

— Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, li l-lista tagħhom hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ([1]).

— L-istandards jiġu adottati mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni bl-Ingliż (is-CEN u s-Cenelec jippubblikaw ukoll bil-Franċiż u l-Ġermaniż). Sussegwentement, it-titli tal-istandards jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali meħtieġa l-oħrajn kollha tal-Unjoni Ewropea mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli mill-korrettezza tat-titli li tressqu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

— Ir-referenzi għall-Corrigenda "…/AC:YYYY" jiġu ppubblikati biss għall-informazzjoni. Corrigendum ineħħi l-iżbalji tal-istampar, dawk lingwistiċi jew żbalji simili mit-test ta' standard u jista' jkun jirreferi għal verżjoni ta' lingwa waħda jew iktar (bl-Ingliż, bil-Franċiż u/jew bil-Ġermaniż) ta' standard kif adottat minn xi organizzazzjoni Ewropea għall-istandardizzazzjoni.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

— Din il-lista tieħu post il-listi kollha preċedenti pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

— Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati u standards oħra Ewropej tinsab fl-Internet fuq

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/european-standards/harmonised-standards/index_en.htm

---

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

**Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013**

*(Ippubblikat skond l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2013/C 187/10)

Rati bażi kkalkulati skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' riferenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skond l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punti bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

Abbozz tat-test ippubblikat fil-ĠU C 144, tal-24.5.2013, p. 7.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.7.2013 | … | 0,56 | 0,56 | 1,30 | 0,56 | 0,88 | 0,56 | 0,85 | 0,56 | 0,56 | 0,56 | 0,56 | 0,56 | **2,49** | **4,62** | 0,56 | 0,56 | **1,08** | 0,56 | 1,10 | 0,56 | 0,56 | **3,18** | 0,56 | **5,20** | 1,60 | 0,56 | 0,56 | 0,99 |

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għal proposti skont il-Programmi ta' Ħidma tal-2013 tas-Seba' Programm Kwadru għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni

(2013/C 187/11)

B'dan qed tingħata notifika tat-tnedija ta' sejħa għal proposti skont il-Programmi ta' Ħidma ta' Kooperazzjoni tal-2013 tas-Seba' Programm Kwadru għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013).

Jintlaqgħu proposti għas-sejħa li ġejja. Id-dati ta' skadenza u l-baġit huma mogħtija fit-test tas-sejħa, li huma ppubblikati fuq il-websajt rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea.

**Il-Programm Speċifiku ta' Kooperazzjoni:**

| Suġġett | Identifikatur tas-Sejħa |
|---|---|
| 2. L-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd u l-Bijoteknoloġija | FP7-KBBE-2013-FEEDTRIALS |

Din is-sejħa għal proposti hija relatata mal-programm ta' ħidma adottat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4536 tad-9 ta' Lulju 2012 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 3953 tas-27 ta' Ġunju 2013.

L-informazzjoni dwar il-modalitajiet tas-sejħa, il-programmi ta' ħidma u l-gwida għall-applikanti dwar kif għandhom jippreżentaw il-proposti jinsabu disponibbli fuq il-websajt rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/research/participants/portal).

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2013/C 187/12)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għat-talba skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"OBST AUS DEM ALTEN LAND"**

**Nru tal-KE: DE-PGI-0005-0877-04.05.2011**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Obst aus dem Alten Land"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *It-tip ta' prodott*

Il-kategorija 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1*

Il-frott irqiq frisk, jiġifieri t-tuffieħ, il-lanġas, iċ-ċiras, il-pruna u l-għajnbaqar, huwa maħsub biex jittiekel frisk.

Il-varjetajiet imsemmija kollha huma kkaratterizzati minn qoxra rqiqa ferm u minn bilanċ bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fihom. Ukoll meta l-frott tagħhom ikun ħelu, dawn il-varjetajiet dejjem ikunu kemm kemm aċidużi.

Fost il-prodotti koperti minn din l-ispeċifikazzjoni nsibu l-varjetajiet tat-tuffieħ li ġejjin:

il-varjetà msejħa "Braeburn": din hija kemm kemm ħelwa u tiffriskak. Laħamha huwa sod u mmerraq u fih ħafna vitamina Ċ;

il-varjetà msejħa "Delbarestivale": din għandha togħma tajba ħelwa. Din il-varjetà ta' tuffieħ tagħti l-frott kmieni fl-istaġun, u laħamha, li jagħti fl-abjad, ikun iqarmeċ u jkun immerraq ħafna;

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Mibdul permezz tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

il-varjetà msejħa "Elstar": din għandha togħma aromatika li tiffriskak. Laħamha abjad li jagħti fl-isfar ċar għandu togħma tajba ħafna;

il-varjetà msejħa "Gala": meta tittiekel, din hija soda u mmerrqa u għandha togħma tajba ħelwa u aromatika. Din hija kkaratterizzata mill-qoxra tagħha, li tixbah kemm kemm ix-xama';

il-varjetà msejħa "Golden Delicious": din għandha togħma ħelwa u aromatika, Din tingħaraf mill-varjetajiet l-oħra bis-saħħa tal-qoxra tagħha li tagħti mill-aħdar ċar għall-isfar u li jkun fiha bħal nemex irqaq;

il-varjetà msejħa "Gravensteiner": din hija mmerrqa u għandha togħma kemm kemm aromatika. Laħamha ta' lewn isfar ċar ikun mgħotti b'qoxra safra bi tbajja' ħomor;

il-varjetà msejħa "Holsteiner Cox": din għandha togħma ħelwa u aromatika ħafna. Laħamha jvarja minn abjad għal isfar u jkun iqarmeċ;

il-varjetà msejħa "Jonagold": din it-tuffieħa tkun tqarmeċ meta tkun għadha kemm tinqata', imma iktar tard issir ratba. Laħamha isfar huwa partikularment ħelu u mmerraq;

il-varjetà msejħa "Jonagored": din hija l-varjetà relatata mal-varjetà msejħa "Jonagold" u hija mtarrża l-iktar bl-aħmar skur. Laħamha isfar huwa wkoll ħelu u mmerraq, bħal dak tal-varjetà msejħa "Jonagold".

Fost il-prodotti koperti minn din l-ispeċifikazzjoni nsibu l-varjetajiet tal-lanġas li ġejjin:

il-varjetà msejħa "Alexander Lucas": din hija lanġasa tal-mejda, li tagħmel frott ta' lewn isfar li jkun ħelu u mmerraq;

il-varjetà msejħa "Bürgermeister": din hija lanġasa li tagħmel fil-Ħarifa, li jkollha qoxra ħamranija u tkun immerrqa u ħelwa ħafna;

il-varjetà msejħa "Clapps Liebling": din il-varjetà ta' lanġas tagħti l-frott kmieni fl-istaġun u l-frott tagħha jkun isfar b'qoxra ħamra u jkun immerraq u jkollu togħma tajba;

il-varjetà msejħa "Condo": din hija lanġasa li tagħmel fil-Ħarifa, li tkun ta' daqs medju, u tkun immerrqa, ħelwa u tinħall f'ħalqek, u li ma tmurx malajr;

il-varjetà msejħa "Williams Christ": din hija lanġasa tal-mejda ta' daqs medju, li tintuża kemm biex tittiekel friska u kemm biex minnha jsiru l-ġammijiet, u li tkun immerrqa u ħelwa u tkun ta' lewn isfar dehbi u mtektka.

Fost il-prodotti koperti minn din l-ispeċifikazzjoni nsibu l-varjetajiet taċ-ċiras li ġejjin:

il-varjetà msejħa "Oktavia": din il-varjetà tagħmel frott li ma jmurx malajr, u li jkun ħelu, aromatiku u sod;

il-varjetà msejħa "Regina": din il-varjetà ta' ċiras tagħti l-frott tard fl-istaġun u l-frott tagħha jkun sod, ħelu u aromatiku;

il-varjetà msejħa "Viola": din il-varjetà tagħmel frott bnin li jkun immerraq ħafna.

Il-varjetajiet tal-pruna u tal-għajnbaqar koperti minn din l-ispeċifikazzjoni huma kkaratterizzati minn togħma partikulari li wkoll ġejja mill-ammont ta' zokkor meta mqabbel mal-ammont ta' aċidità fihom. Dawn il-varjetajiet huma dawn li ġejjin:

il-varjetà msejħa "Fellenberger": din il-varjetà tagħmel frott li huwa pjuttost sod u pjuttost ħelu, li l-għadam tiegħu jinqala' faċilment minn mal-frotta u li għandu togħma qawwija u tajba ħelwa u aċiduża

il-varjetà msejħa "Ortenauer": din il-varjetà tagħmel frott li huwa pjuttost ħelu, imma li jkun aċiduż ferm;

il-varjetà msejħa "Schönberger Zwetsche": din il-varjetà ta' għajnbaqar tagħmel frott kbir ħafna li jkun ħelu u mmerraq u li l-għadam tiegħu jinqala' faċilment minn mal-frotta;

il-varjetà msejħa "Zimmers Frühzwetsche": din il-varjetà tagħmel frott kbir u ħelu li jkun partikularment aromatiku.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-frott jitkabbar fiż-żona ġeografika identifikata.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Ir-regoli speċifiċi għat-tikkettar*

—

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Ir-reġjun tat-tkabbir tal-frott imsejjaħ "Altes Land" jinsab, fil-parti l-kbira tiegħu, fir-reġjuni ta' Niedersachsen u ta' Hamburg u fit-Tramuntana jmiss max-xmara Elbe bejn il-belt ta' Wehldorf bei Cuxhaven fil-Punent u l-belt ta' Geesthacht fil-Lvant. Il-konfini l-oħra ta' din iż-żona ġeografika huma ddefiniti mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet imsemmija:

il-muniċipalità ta' Jork;

il-muniċipalità amministrattiva ta' Lühe;

il-muniċipalitajiet ta' Nottensdorf u Bliedersdorf, li jiffurmaw parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Horneburg, kif ukoll iż-żoni ta' din il-muniċipalità amminstrattiva li jinsabu fit-Tramuntana tal-linja tal-ferrovija li minn Cuxhaven tmur għal Hamburg;

il-muniċipalità ta' Apensen li tifforma parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Apensen;

id-distretti ta' Schölisch, Götzdorf, Bützfleth u Abbenfleeth, li jinsabu fil-muniċipalità ta' Stade, tul it-triq ta' Stader Moor sal-muniċipalità amministrattiva ta' Himmelpforten;

il-muniċipalità amministrattiva ta' Himmelpforten;

il-muniċipalità ta' Drochtersen;

il-muniċipalità amministrattiva ta' Nordkehdingen;

it-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Hechthausen u Osten li jinsab fit-Tramuntana tat-triq federali B73, li jifforma parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Hemmoor;

iż-żoni tal-muniċipalità amministrattiva ta' Dobrock li jinsabu fil-Lvant tat-triq federali B73 u fit-Tramuntana tat-triq tal-ferrovija (li tgħaqqad il-muniċipalità ta' Oberndorf an der Oste ma' din it-triq federali fil-parti fl-għoli tal-mitħna tal-ilma);

il-muniċipalità ta' Cadenberge li tifforma parti mill-muniċipalità amministrattiva;

iż-żoni tal-muniċipalità ta' Bülkau li jinsabu fit-Tramuntana tat-triq ta' Zollbaum/Landmark-Mühlenweg;

il-muniċipalità ta' Ihlienworth li tifforma parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Sietland;

il-muniċipalitajiet ta' Neuenkirchen u Otterndorf li jiffurmaw parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Hadeln;

iż-żoni tal-muniċipalità ta' Cuxhaven li jinsabu fit-Tramuntana tat-triq ta' Osterende u fil-Lvant tat-triq ta' Am Kanal;

iż-żoni tal-belt ta' Buxtehude li jinsabu fit-Tramuntana tal-linja tal-ferrovija li minn Hamburg tmur għal Cuxhaven;

iż-żoni tal-muniċipalità ta' Neu Wulmsdorf li jinsabu fit-Tramuntana tal-linja tal-ferrovija li minn Hamburg tmur għal Cuxhaven;

iż-żoni tal-belt ta' Hamburg li jinsabu fin-Nofsinhar tax-xmara Elbe u fit-Tramuntana tal-linja tal-ferrovija li minn Hamburg tmur għal Lüneburg;

il-belt ta' Winsen/Luhe;

iż-żoni tal-muniċipalità ta' Winsen li jinsabu fit-Tramuntana tal-linja tal-ferrovija li minn Hamburg tmur għal Lüneburg;

il-muniċipalità ta' Drage li tifforma parti mill-muniċipalità amministrattiva ta' Elbmarsch.

Parti iżgħar mir-reġjun tat-tkabbir tal-frott imsejjaħ "Altes Land" tinsab fit-Tramuntana tax-xmara Elbe fir-reġjun ta' Schleswig Holstein u tkopri

l-muniċipalitajiet ta' Haseldorf, Haselau, Hetlingen u Seestermühe.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika*

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala IĠP tissejjes fuq il-fama tal-frott. Minħabba t-tradizzjoni twila ta' tkabbir tal-frott f'dan ir-reġjun u l-qoxra rqiqa u ta' lewn intens tal-frott imkabbar hawn u l-bilanċ bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fih, li ġejjin minn din it-tradizzjoni, il-frott imkabbar fir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" igawdi minn fama tajba fost il-konsumaturi u minn reputazzjoni tajba li tmur ferm lil hinn mir-reġjun innifsu.

Il-klima ta' dan ir-reġjun hija influwenzata mill-qrubija tal-Baħar tat-Tramuntana. It-temperatura ma tvarjax b'mod estrem u fis-sajf ma tkunx daqshekk sħana. L-iljieli kesħin jinbidlu bi ġranet sħan. Minħabba l-Baħar tat-Tramuntana, l-arja fiha l-melħ.

Il-ħamrija f'dan ir-reġjun hija tqila u tixbah lil dik tal-artijiet mistagħdra.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott*

It-tuffieħ huwa kkaratterizzat minn qoxra rqiqa u minn bilanċ notevoli bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fih. Dan ifisser li, ikun kemm ikun ħelu, il-frott ikollu togħma aċiduża partikulari li ma ssibhiex fi frott tal-istess varjetà mkabbar f'reġjuni oħrajn. It-tuffieħ ikollu lewn qawwi.

Il-lanġas huwa kkaratterizzat minn qoxra rqiqa u minn bilanċ notevoli bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fih. Dan ifisser li, ikun kemm ikun ħelu, il-frott ikollu togħma aċiduża partikulari li ma ssibhiex fi frott tal-istess varjetà mkabbar f'reġjuni oħrajn.

Iċ-ċiras huwa kkaratterizzat minn qoxra rqiqa u minn bilanċ notevoli bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fih. Dan ifisser li, ikun kemm ikun ħelu, il-frott ikollu togħma aċiduża partikulari li ma ssibhiex fi frott tal-istess varjetà mkabbar f'reġjuni oħrajn.

Il-pruna u l-għajnbaqar huma kkaratterizzati minn qoxra rqiqa u minn bilanċ notevoli bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fihom. Dan ifisser li, ikun kemm ikun ħelu, il-frott ikollu togħma aċiduża partikulari li ma ssibhiex fi frott tal-istess varjetà mkabbar f'reġjuni oħrajn.

5.3. *Ir-rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Iż-żona ġeografika deskritta fid-dettall hawn fuq hija kkaratterizzata mill-karatteristiċi tal-klima u tal-ħamrija spjegati hawn taħt.

Iċ-ċiras b'mod naturali ma jkollux dud tad-dubbien tal-frott taċ-ċirasa għax din id-dubbiena ma tattakkax il-pjantaġġuni li jkunu mħawlin f'ħamrija tqila.

Il-frott irqiq imkabbar f'dan ir-reġjun – it-tuffieħ, il-lanġas, iċ-ċiras, il-pruna u l-għajnbaqar – jixxiebhu fil-fatt li m'għandhomx għalfejn irabbu qoxra ħoxna biex tipproteġihom mir-raġġi tax-xemx, minħabba li ma jkunux esposti għal raġġi qawwijin tax-xemx fis-sajf, u allura jgħaddu b'qoxra rqiqa minflok.

Il-bidla minn iljieli kesħin għal ġranet sħan u viċiversa twassal biex il-frott ikollu lewn partikularment qawwi u biex dan ikun fih bilanċ notevoli bejn l-ammont ta' zokkor u ta' aċidità fih.

Dawn is-siġar jitkabbru fi ħbula żgħar tar-raba' b'wisgħa ta' madwar 16-il metru, li jkunu mdawrin bil-kanali. F'dawn il-ħbula jkun hemm kanali trasversali ewlenin tat-tisqija li minnhom jgħaddi l-ilma mix-xmara Elbe. B'hekk il-bdiewa li jkabbru s-siġar tal-frott jużaw l-ilma li dejjem huwa disponibbli għat-tisqija tas-siġar u għat-tisqija tagħhom bl-isprinkli biex is-siġar jiġu protetti mill-ġlata. Din il-karatteristika ġeografika wasslet biex, tul is-sekli, ġie żviluppat għarfien espert dwar l-aħjar mod kif jitkabbru s-siġar tal-frott irqiq. Fis-snin disgħin, dan l-iżvilupp laħaq il-qofol tiegħu bl-istabbiliment formali tal-produzzjoni integrata.

Il-bdiewa li se jkabbru s-siġar tal-frott fil-ġejjieni se jitħarrġu bħala ġardinara speċjalizzati fit-tkabbir tas-siġar tal-frott f'ċentru tat-taħriġ, tar-riċerka u tal-konsulenza apposta (iċ-ċentru għat-tkabbir tas-siġar tal-frott ta' Jork imsejjaħ "Esteburg"). F'dan iċ-ċentru jiġu ttestjati varjetajiet adattati għall-kundizzjonijiet lokali u l-bdiewa li jkabbru s-siġar tal-frott jingħataw pariri speċjalizzati dwar it-tkabbir u t-trawwim tal-varjetajiet speċifiċi tal-frott sabiex tittejjeb kemm jista' jkun il-kwalità tal-frott.

Il-Grupp għar-riċerka dwar it-tkabbir tas-siġar tal-frott, bil-Ġermaniż imsejjaħ l-"Obstbauversuchsring" (OVR), li jiġbor fih il-bdiewa kollha li jkabbru s-siġar tal-frott f'dan ir-reġjun u li ilu jeżisti għal dawn l-aħħar 75 sena, waqqaf dan iċ-ċentru.

Huma proprju dawn il-karatteristiċi tal-kwalità li jwasslu għall-fama tajba li minnha jgawdi l-frott imkabbar fir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" fost il-konsumaturi.

Minħabba t-tradizzjoni twila ta' tkabbir tal-frott f'dan ir-reġjun, il-frott imkabbar fir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" igawdi minn fama tajba fost il-konsumaturi u minn reputazzjoni tajba li tmur ferm lil hinn mir-reġjun innifsu. Mil-lat tat-tkabbir tas-siġar tal-frott, ir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" jinkludi l-artijiet mistagħdra u l-artijiet moxa b'ħamrija ramlija li jinsabu maġenb il-parti l-baxxa tax-xmara Elbe. Hemm provi li juru li l-frott ilu jitkabbar f'dan ir-reġjun għal iktar minn 600 sena. Pereżempju, f'dokument bin-numru 376 tal-25 ta' Mejju 1359 li jinsab fl-arkivji tal-monasteru ta' Scharnebeck jissemma l-isem Heyno Bůmgharde, tradott bħala Heino Baumgarten (ara l-kummenti dwar id-dokument bin-numru 1398 fil-volum 2 tal-ktieb ta' Carl Röper imsejjaħ "*Urkunden – Regesten – Nachrichten Über das Alte Land und Horneburg*" ("Dokumenti - inventarji - aħbarijiet dwar ir-reġjun imsejjaħ 'Altes Land' u l-muniċipalità amministrattiva ta' Horneburg"), Jork 1986). Fis-seklu 14, il-kunjomijiet tan-nies kienu jirreferu biss għall-proprjetà u l-mestier tagħhom, u għalhekk Heino Baumgarten żgur li kellu dak li bil-Ġermaniż kien jissejjaħ "Baumgarten", li llum il-ġurnata bil-Ġermaniż jissejjaħ "Obstgarten", jiġifieri ġnien tas-siġar tal-frott. Avviż tal-bejgħ tal-1374 jikkonferma li fir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" kienu jeżistu ġonna tas-siġar tal-frott (ara l-kummenti dwar id-dokument bin-numru 1672 fil-volum 3 tal-ktieb ta' Carl Röper imsejjaħ "*Urkunden – Regesten – Nachrichten Über das Alte Land und Horneburg*" ("Dokumenti – inventarji – aħbarijiet dwar ir-reġjun imsejjaħ "Altes Land" u l-muniċipalità amministrattiva ta' Horneburg"), Jork 1990). Fil-fatt, skont dan l-avviż, fl-1374 Johann Cok biegħ l-azjenda agrikola u l-ġnien tas-siġar tal-frott tiegħu li kienu jinsabu f'Bassenfleth lil Peter vam Berghe. Dawn iż-żewġ dokumenti jagħtuna idea dwar l-istabbiliment u l-iżvilupp, tul iż-żmien, tat-tkabbir tas-siġar tal-frott fir-reġjun imsejjaħ "Altes Land". Dan ir-reġjun huwa l-ikbar reġjun kontigwu tat-tkabbir tas-siġar tal-frott fl-Ewropa ta' Fuq.

Fid-dizzjunarju ta' Bertelsmann (Gütersloh, Berlin, München, Wien 1970 A, Bestell-Nr. 8911/087), it-terminu "Altes Land" huwa ddefinit kif ġej: "art mistagħdra fertili li tinsab maġenb il-parti t'isfel tax-xmara Elbe, bejn Hamburg u Stade, li fiha jgħixu ħafna nies; agrikoltura, tkabbir tal-frott u tal-ħaxix; post prinċipali: Jork". Hemm provi li juru li l-frott ilu jitkabbar f'dan ir-reġjun għal iktar minn 600 sena, hekk li, hekk kif issemma hawn fuq, dan ir-reġjun huwa l-ikbar reġjun kontigwu tat-tkabbir tas-siġar tal-frott fl-Ewropa ta' Fuq.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [3])

Fit-taqsima 7a-aa/c tal-volum 14 tal-"Markenblatt" tad-9 ta April 2010, p. 5753

http://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/13301

---

(3) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2013/C 187/13)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"ACEITE SIERRA DEL MONCAYO"**

**Nru tal-KE: ES-PDO-0005-0797-17.02.2010**

**DPO( X ) IĠP ( )**

1. **Denominazzjoni**

"Aceite Sierra del Moncayo"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li tapplika għalih id-denominazzjoni fil-punt 1*

Żejt taż-żebbuġa straverġni meħud mill-frotta taż-żebbuġ (*Olea europea* L) tal-varjetajiet Empeltre, Arbequina, Negral, Verdial u Royal, bi proċess mekkaniku jew b'metodi fiżiċi oħrajn li ma jbiddlux il-kwalità taż-żejt, iżommu t-togħma, ir-riħa u l-karatteristiċi taż-żebbuġ li minnu jintgħasar iż-żejt mqassam f'perċentwali mill-varjetajiet kif jidher hawn taħt:

— L-Empeltre huwa preżenti għal mill-inqas 70 %

— L-Arbequina huwa preżenti għall-massimu ta' 25 %

— Fih mill-inqas waħda mill-varjetajiet minuri magħrufin (Negral, Verdial jew Royal). Flimkien, dawn it-tliet varjetajiet ma jaqbżux il-5 %.

Il-valuri massimi permessi fiż-żejt taż-żebbuġa straverġni tad-denominazzjoni tal-oriġini "Aceite Sierra del Moncayo"

| | |
|---|---|
| Aciditá | Li ma taqbiżx iż-0,5° |
| Valur ta' perossidu | Li ma jaqbiżx is-16-il meq $O_2$/kg |
| $K_{232}$ | Massimu ta' 2,0 |
| $K_{270}$ | Li ma jaqbiżx iż-0,12 |
| L-evalwazzjoni organolettiku | |
| Medja tad-difetti | Md = 0 |
| Il-medja ta' kontenut ta' frott | Mf > 2,5 |

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Mibdul permezz tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Analiżi organolettika taż-żejt "Aceites Sierra del Moncayo" tagħti riżultat ta' togħma tal-frott b'valur ta' Mf > 2,5 u qawwa minima tad-deskrittur tal-lewż ta' 2,5. Il-karatterizzazzjoni organolettika tissawwar ukoll minn ħjiel ta' togħmiet morri u pikkanti li l-valur massimu tagħhom huwa ta' 4,5.

Il-kontenut tal-aċidu xaħmi taż-żejt huwa valur minimu ta' 70 %, filwaqt li l-kontenut massimu tal-aċidu xaħmi linolejku tal-"Aceites Sierra del Moncayo" huwa madwar 11 %.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-kultivazzjoni taż-żebbuġ trid issir fiż-żona deskritta fil-punt 4.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-kultivazzjoni taż-żebbuġ u t-tagħsir taż-żejt iridu jsiru fiż-żona deskritta fil-punt 4.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar il-qtugħ, l-għerik, l-ippakkjar, eċċ.*

Bl-għan li jinżammu l-karatteristiki tipiċi tal-prodott fil-fażijiet kollha, il-proċess tal-ippakkjar isir fiż-żona ġeografika awtorizzata. B'hekk, jista' jinżamm kontroll totali tal-produzzjoni min-naħa tal-awtoritajiet ta' kontroll filwaqt li l-proċess finali jibqa' r-responsabbiltà tal-produtturi taż-żona. Dawn huma n-nies li l-iktar jifhmu kif dan iż-żejt jirreaġixxi b'modi speċifiċi għall-metodi tal-ippakkjar, għaż-żmien u l-metodu tat-tferrigħ, għall-filtrazzjoni, għall-art li għandha mid-dijatoma, għaċ-ċellulosa, għat-temperatura tal-ippakkjar, ir-reazzjoni tiegħu għall-bard, u għall-ħżin. L-għan ta' dan kollu huwa li jinżammu l-karatteristiċi tipiċi tal-prodott.

Min hu responsabbli mill-ibbuttiljar irid ikollu sistema separata apposta għall-ibbuttiljar taż-żjut bid-DPO, apparti mis-sistema li tintuża għal żjut oħra.

Iż-żejt irid jitferra f'kontenituri tal-ħġieġ, tal-metall addattat biex jikkonserva oġġetti tal-ikel, tal-plastika PET, taċ-ċeramika vitrifikata u f'pakketti kwadri li l-kapaċità tagħhom ma tkunx aktar minn 5 litri.

3.7. *Regoli speċifiċi li jirrigwardaw l-ittikkettar*

It-tikketta tal-kontenituri taż-żjut għandha turi, flimkien mal-isem li bih jinbiegħ iż-żejt, il-logo tad-DPO bil-kliem "Denominación de Origen Protegida (ó DOP) Aceite Sierra del Moncayo", u l-marka tal-konformità tal-entità ta' ċertifikazzjoni tal-prodott mill-korp responsabbli għall-kontrolli.

Barra minn hekk, il-prodott għandu jkollu l-marka tal-konformità, tikketta ta' wara bid-denominazzjoni, li għanda tiggarantixxi t-traċċabbiltà tal-prodott, li tkun identifikata permezz ta' kodiċi alfanumeriku, u li għandha titwaħħal fl-azjenda li tibbuttilja ż-żejt b'tali mod li ma tkunx tista' tintuża għal darba oħra.

4. **Deskrizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika testendi mill-wied ta' Ebro u l-viċinat muntanjuż ta' Moncayo. Dawn jiffurmaw unità omoġenea morfoloġika, ġeografika u storika li tinkludi r-reġjuni ta' Tarazona, Moncayo u Campo de Borja, fejn jinsabu aktar minn 2 500 ettari ta' msaġar taż-żebbuġ mifruxin ma' 34 muniċipju.

Il-muniċipji huma dawn li ġejjin: Alcalá de Moncayo, Añón de Moncayo, El Buste, Los Fayos, Grisel, Litago, Lituénigo, Malón, Novallas, San Martín de la Virgen de Moncayo, Santa Cruz de Moncayo, Tarazona, Torellas, Trasmoz, Vera de Moncayo, Vierlas, Agón, Ainzón, Alberite de San Juan, Albeta, Ambel, Bisimbre, Borja, Bulbuente, Bureta, Fréscano, Fuendejalón, Magallón, Maleján, Mallén, Novillas, Pozuelo de Aragón, Tabuenca u Talamantes.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

### 5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Iż-żona ta' produzzjoni maħsuba għall-ibbuttiljar taż-żejt protett, tinfirex bejn il-wied ta' Ebre u ż-żona muntanjuża ta' Moncayo.

Din hija żona li tvarja mill-pjanuri mtarrġin kbar ta' Ebre u l-katina ta' muntanji Iberiċi. Il-muniċipji magħżulin għall-ibbuttiljar jinsabu fil-baċir tax-xmajjar Queiles u Huecha, li hija żona unika minħabba l-partikularitajiet tal-ħamrija u tal-klima.

Iż-żebbuġ jinġabar direttament mis-siġar malli jkun wasal f'maturazzjoni xierqa għall-ġabra bikrija. Il-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ f'din iż-żona hija dik tradizzjonali f'art mhux irrigata.

Il-metodi tradizzjonali jipproduċu wkoll varjetajiet żgħar li huma maħsubin biex jittieklu fuq il-mejda għall-forniment awtonomu ta' ekonomija li tmantni lilha nnifisha.

Hija predominanti l-preżenza ta' konglomerazzjonijiet ta' materjal kalkarju iebes.

Il-ħamrija kollha hija fonda u għandha pH bażiku, minħabba l-preżenza kullimkien ta' karbonji tal-kalċju. Il-ħamrija hija karatterizzata mill-konsistenza tagħha taflija, ramlija mħallta, flimkien ma' materjal ta' ħxejjex midbiela u ftit materjal organiku.

Iż-żona ġeografika hija steppa kbira ċatta bi klima Mediterranja kontinentali b'medja ta' xita annwali ta' bejn 450 u 467 millimetri, fil-biċċa l-kbira kkonċentrata fix-xhur tal-ħarifa u tar-rebbiegħa.

It-temperatura medja tvarja bejn is-7 u l-14-il grad Celsius, u l-iżjed żmien xemxi huwa bejn Lulju u Awwissu, b'temperaturi li jilħqu massimu ta' 40 grad Celsius. Fis-sajf ikun hemm għadd ta' tempesti. L-iżjed żmien kiesaħ huwa bejn Diċembru u Frar, b'temperaturi li jistgħu jwasslu sa 16-il grad Celsius taħt iż-żero fi Frar.

Il-valuri medji ta' vapotraspirazzjoni rreġistrati mill-istazzjonijiet meterjoloġiċi tar-reġjun ikkonċernat huma bejn 600 u 750 millimetru fis-sena. Tqabbil ta' dan mal-inżul tax-xita nnotat fiż-żewġ baċiri juri biċ-ċar in-nuqqas ta' ilma li hemm.

Id-differenza li hemm fil-pressjoni tal-arja bejn il-baħar ta' Cantabria u l-baħar Mediterran tipprovoka riħ kiesaħ u niexef magħruf bħala Cierzo, li hu karatteristiku ta' dan ir-reġjun. Dan ir-riħ l-iżjed li jaħbat huwa fix-xitwa u fir-rebbiegħa, u jikkawża nżul qawwi fit-temperatura, anki minħabba l-qawwa u l-persistenza tiegħu jinħass aktar kiesaħ milli fil-fatt hu, u jikkawża nixfa tal-arja li tnixxef ħafna l-art, u dan il-fattur jinfluwenza l-attività agrikola ġenerali tar-reġjun (Cuadrat, J.M - 1999).

Il-Cierzo jipprevjeni l-formazzjoni tas-sħab u tas-silġ, fatt tajjeb ħafna għat-tkabbir tas-siġar taż-żebbuġ.

### 5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-varjetajiet ta' żebbuġ ikkoltivati fiż-żona ġeografika huma: Empeltre, Arbequina, Negral, Verdial u Royal, dawn huma varjetajiet li addattaw ruħhom tul is-sekli bħala riżultat tas-selezzjoni naturali. Filwaqt li huma kompletament addattati għar-reġjun, dawn il-varjetajiet ta' żebbuġ jiggarantixxu prodott finali varjat bil-proprejtajiet uniċi li ma jeżisti f'ebda reġjun ieħor fejn hu kkoltivat u prodott iż-żebbuġ.

Fil-ħin tal-ħsad, dawn il-varjetajiet ikollhom indiċi ta' maturazzjoni ta' bejn 3 u 6.

Iż-żejt mill-frott taż-żebbuġa Sierra del Moncayo fih mill-inqas 70 % mill-varjetà ta' żebbuġ Empeltre, massimu ta' 25 % miż-żebbuġ Arbequina u 5 % bħala massimu mill-varjetajiet minuri. Din it-taħlita hija esklussiva u unika għal dan ir-reġjun.

Skont ir-riżultati li ħarġu mit-teħid ta' kampjuni, il-valur minimu tal-kontenut ta' aċidu xaħmi linolejku jilħaq is-70 %, dan huwa aktar milli jinsab fi żjut u varjetajiet oħrajn (il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, l-Enciclopedia Mundial del Olivo). Ta' min iżid ma' dan li l-valuri medji ta' aċidu linolejku li nkiseb minn studji tal-varjetajiet Empeltre u Arbequina kienu inferjuri għal dawk li nkisbu fi studji dwar dawk li jiġu kkoltivati f'reġjuni oħra. Il-valuri minimi permessi ta' 70 % aċidu xaħmi olejku u l-kontenut baxx ta' aċidu xaħmi linolejku, fejn il-valur massimu permess huwa ta' 11 %, jissarfu f'indiċi għoli ta' saturazzjoni li jagħti stabbiltà kbira lil dan iż-żejt taż-żebbuġa.

Iż-żejt taż-żebbuġa Sierra del Moncayo jippreżentaw valuri baxxi tal-istat ossiġinat u awto-ossiġinament bil-mod li jissarraf f'valuri ta' $K_{270}$ inqas minn 0,12 għall-koeffiċjent tal-estinzjoni molari li huma l-karatteristiċi ta' dan iż-żejt taż-żebbuġa.

L-"Aceite Sierra del Moncayo" fil-profil tiegħu għandu togħma tal-frott b'valur minimu ta' 2,5 u qawwa minima ta' 2,5 tad-deskrittur tal-lewż. Il-karatterizzazzjoni organolettika tkompli tissawwar minn ħjiel ta' togħmiet morri u pikkanti li fil-massimu tagħhom iwasslu sa 4,5 u ma jaqbżux iż-żewġ punti aktar mill-attribwit fruttiferu, u dan huwa li jagħti l-karattru bbilanċjat lil dan iż-żejt.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għall-IĠP)*

L-art fonda u kalkarja, il-fatt li ftit tinżel xita matul is-sena, u li s-sjuf huma sħan u jkun hemm perjodi twal ta' kesħa flimkien mal-preżenza dejjiema tal-Cierzo, jiffurmaw ekosistema li tat lok għall-manteniment, permezz tas-selezzjoni naturali, tal-varjetajiet li hemm fl-"Aceite Sierra del Moncayo" li addattaw rwieħhom perfettament għal dan l-ambjent (Rallo et al. 2005).

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni qiegħda bejn żoni ta' produzzjoni fejn f'kull wada tippredomina varjetà waħda ta' żebbuġ. Din iż-żona qiegħda magħluqa bejn iż-żona fejn l-iktar li tikber hija l-Arbequina, fil-Katalonja, u dik fejn tikber l-Empeltre, fl-Aragona ta' Isfel, u hemm ukoll il-varjetajiet minuri Negral, Verdial u Royal, li huma varjetajiet ta' żebbuġ ta' konsum fuq il-mejda għall-forniment awtonomu ta' ekonomija li tmantni lilha nnifisha.

Il-kundizzjonijiet klimattiċi u tal-ħamrija (ix-xita ma tinżilx fi żmien il-ħsad u ftit li xejn waqt l-iżvilupp tal-frott, it-temperaturi huma għoljin fis-sajf u baxxi fix-xitwa, flimkien mal-karatteristiċi tal-ħamrija) jinfluwenzaw il-kompożizzjoni aċiduża ta' dan iż-żejt u jsarraf f'kontenut għoli ta' aċidu xaħmi olejku (Civantos, 1999) ta' aktar minn 70 %. Il-ħsad bikri jagħti valur aktar baxx minn 11 % ta' aċidu grass linolejku lil dan iż-żejt, dan jissarraf f'indiċi għolja ta' saturazzjoni li tagħti stabbiltà ossidattiva (l-Enciclopedia Mundial del Olivo, 1996).

Il-Cierzo ma jħallix jifforma s-silġ, li huwa l-element li jipprovoka l-istat ta' ossiġinament fil-frott, u dan jippermetti li jittieħed żejt bi stat baxx ta' ossiġinament, b'valuri ta' $K_{270}$ inqas minn 0,12.

Il-valuri tal-indiċi tal-maturità ta' dawn il-varjetajiet huma r-riżultat tal-ħsad bikri tradizzjonali dirett mis-siġra, li hija teknika li tirriżulta f'żejt "Aceite Sierra del Moncayo" b'karatteristiċi fruttiferi ogħla minn dawk meħtieġa mid-deskrizzjoni organolettika.

Minħabba l-ħamrija niexfa bi pH bażiku, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' xita u t-taħlit tal-varjetajiet, iż-żejt "Aceite Sierra del Moncayo" jippreżenta profil sensorjali b'karatteristiki fruttiferi li huma ogħla minn 2,5, u qawwa minima ta' 2,5 għad-deskrittur tal-lewż.

Fl-aħħar nett, dawn il-kundizzjonijiet ambjentali deskritti hawn, jikkawżaw nuqqas ta' idratazzjoni u ta' nutrizzjoni matul it-tkabbir taż-żebbuġ li jagħtu qawwa lid-deskritturi sensorjali ta' dan iż-żejt (Civantos *et al.*, 1999) u jġibu 'l quddiem bilanċ ta' togħmiet perċettibbli morri u pikkanti li fil-medja ma jaqbżux iż-żewġ punti aktar mit-togħma fruttifera fiż-żejt "Aceites Sierra del Moncayo".

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3]))

http://www.aragon.es/estaticos/GobiernoAragon/Departamentos/AgriculturaGanaderiaMedioAmbiente/AgriculturaGanaderia/Areas/08_Calidad_Agroalimentaria/02_Alimentos_calidad_diferenciada/Pliego_aceite_moncayo_09_12.pdf

---

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 187/12 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 14

2013/C 187/13 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel .... 19


MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT